MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 403/2013

**Kenneth De Martino K.I. 467360(M)**
**eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem KDM Group of Companies**

**vs.**

**David Gatt K.I. 287988(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu l-attur nomine talab il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' sebgħa mija u tnax-il Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€712.55) rappreżentanti ta' kont tad-dawl u l-ilma ta' garage bl-isem "Windsor Garage" u li jinsab fi Triq EH Furse l-Imsida u li l-konvenut kien kera lill-attur nomine. Il-kirja ntemmet f'Jannar 2012. Il-konvenut

obbliga ruħu li jeqleb il-kont tad-dawl u l-ilma għal fuq ismu bħala sid il-garage iżda baqa' inadempjenti.

Għaldaqstant il-kont baqa' jinħareġ fuq l-attur nomine li ġie kostrett li jħallsu stante illi s-soċjetà ARMS Limited baqgħet toħroġ il-kont fuq l-attur. Il-kont rilevanti tħallas mill-attur iżda dan kien ikopri perjodu wara li ġiet terminata l-kirja u l-garage kien f'idejn il-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġiet debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas fil-perjodu ulterjuri konċess mit-Tribunal u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur nomine u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur nomine tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill- konvenut iħallas lill-attur nomine is-somma ta' sebgħa mija u tnax-il Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€712.55) bl-imgħax legali dekorribbli mill-5 ta' Lulju 2013 li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------